MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 809/2006

**Oliver de Giorgio-Miller**

**vs**

**Synergene Holdings Limited (C27346)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors fejn l-attur wara li ppremetta illi:

1. Permezz ta` sentenza definittiva tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet premessi r-rikorrent gie kanonizzat kreditur tal-kumpannija intimata fis-somma premessa f`dik is-sentenza, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

2. Interpellati ghall-hlas wara s-sentenza premessa il-kumpannija intimata baqghet moruza;

3. Il-kumpannija intimata baqghet inadempjenti anke wara li hargu fil-konfront taghha mandat ta` sekwestru u mandat ta` qbid;

4. L-ezitu ta` dawn il-mandati kien li l-kumpannija intimata ma kellhiex assi li setghu jinqabdu biex minnhom jigi sodisfatt id-dejn lejn ir-rikorrenti;

5. Fil-fehma tar-rikorrenti l-kumpannija hija nsolventi u ma ghandhiex minn fejn thallas id-djun taghha.

6. **Ghaldaqstant in vista tas-suespost, u filwaqt li jirriserva li jressaq ix-xhieda u jaghmel is-sottomissjonijiet kollha opportuni l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:**

6.1 Tahtar minnufih ai termini tal-artikolu 228 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta, amministratur provisorju sabiex jiehu l-kontroll tal-assi tal-kumpannija Synergene Holdings Limited, u dan taht kull ordni u provvediment mehtieg u necessarju li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq li taghti.

6.2 Tiddikjara li l-kumpannija intimata hi solventi skond l-Att dwar il-kumpanniji 1995.

6.3 Tordna l-istralc tal-Kumpannija intimata a tenur tal-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Att dwar il-Kumpanniji u dan billi tahtar stralcarju u dan taht kull ordni u provvediment mehtieg u necessarju li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq li taghti.

6.4 Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ezekuttivi.

7. Il-kumpannija intimata, fil-persuna tar-rappresentanti legali taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi s-socjeta` intimata, ghalkemm debitament notifikata baqghet ma pprezentat ebda nota ta` eccezzjonijiet.

Semghet ix-xhieda prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat illi t-talbiet tar-rikorrent gew pruvati a sodisfazzjoni tal-Qorti.

Taqta` u tiddeciedi billi tiddikjara li s-socjeta` intimata, hija insolventi skond l-Att dwar il-kumpanniji. Tordna l-istralc tas-socjeta` intimata a tenur tal-Art 214(2)(a)(ii) tal-Kap. 386 tal-ligijiet ta` Malta. Tahtar bhala stralcjarju lill-Avukat Dr. Kris Borg biex jikkonduci l-istralc a tenur, tal-Kap. 386 tal-ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti tordna li kopja ta` din id-decizjoni ghandha tigi notifikata lir-Registratur tal-kumpanniji skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------